## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 157/2020: **DANIEL CARUANA (KI. 414492M) V. TA' DERNIS LIMITED (C41229) U B'DIGRIET DATAT 3 TA' NOVEMBRU 2021 ĠIET KJAMATA IN KAWŻA T.I.T.D. PROPERTIES LIMITED (C84532)**

(L-ILLEĊITU AKWILJAN – L-INTIMAT MA JISTAX JADDEBITA' ĦTIJA LIL TERZ META JONQOS MILLI JSEJJAĦLU FIL-KAWŻA – DANNI LI JISTGĦU JINTALBU F'KAŻ TA' VETTURA LI TKUN ĠIET MEQJUSA BĦALA "BEYOND ECONOMICAL REPAIR")

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Ottubru 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Daniel Caruana (imsejjaħ "ir-rikorrent") ppreżentat fis-27 ta' Awwissu 2020[1] li permezz tiegħu talab lil Ta' Dernis Limited (imsejjħa "il-kumpanija intimata" jew "l-intimata") sabiex tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas is-somma ta' sitt elef u tlett mitt ewro (€6,300) rappreżentanti danni subiti mir-rikorrent in segwitu għal inċident illi seħħ fit-12 ta' Novembru 2019, fi Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, meta waqt li r-rikorrent Daniel Caruana kellu l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 315 ipparkjata fl-imsemmija triq, l-istess vettura ġarrbet diversi ħsarat meta waqa' ċint għal fuqha, liema ċint kien jifforma parti mill-proprjetà tas-soċjetà intimata, u dan peress li ma kienx mibni skont l-arti u s-sengħa.**
>
> **Isegwi għalhekk li l-imsemmija soċjetà intimata kienet taħti unikament għal dan l-inċident u għad-danni hemmhekk subiti u dan minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti, bi ksur tal-Artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

[1] Fol 1

**Bl-ispejjeż, kompriża dawk tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 2020, u bl-imgħax legali b'effett mit-12 ta' Marzu 2020 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjetà intimata li hija minn issa stess inġunta għas-subizzjoni.'**

wara li rat ir-risposta tal-intimata ppreżentata fl-14 ta' Jannar 2021[2] li permezz tagħha wieġbet u ppremettiet kif ġej:

1. **'Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li s-soċjeta intimata ma hix il-leġittima kontradittura, in kwantu l-imsemmi ċint ma kienx jappartjeni lis-soċjeta intimata, u tali ċint ma ġiex mibni mis-soċjeta intimata u konsegwentement ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta intimata, ir-rikorrenti u l-inċident in kwistjoni;**

2. **Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li s-soċjeta konvenuta ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-ħsara li allegatament sofra r-rikorrenti u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;**

3. **Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti għandu jipprova l-allegazzjonijiet minnu magħmula in sostenn tat-talba tiegħu;**

4. **Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti għandu jipprova n-ness bejn id-danni allegatament subiti minnu u s-soċjeta intimata;**

5. **Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, kwalunkwe danni allegatament subiti huma unikament attribwibbli lir-rikorrenti u/jew hemm elementi ta' kontributorjeta' da parti tar-rikorrenti;**

6. **Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjeta intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;**

7. **Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.'**

wara li rat li permezz tad-digriet tagħha tat-3 ta' Novembru 2021 il-Qorti ordnat li tiġi kjamata in kawża l-kumpanija T.I.T.D. Properties Limited (imsejjħa "il-kumpanija kjamata in kawża" jew "il-kjamata in kawża")[3]

---

[2] Fol 10-11
[3] Fol 68

wara li rat ir-risposta tal-kjamata in kawża ppreżentata fis-6 ta' Diċembru 2021[4] li permezz tagħha wieġbet u ppremettiet kif ġej:

1. **'Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li s-soċjeta kjamata in kawża ma hix il-leġittima kontradittura, in kwantu l-imsemmi ċint ma kienx jappartjeni lis-soċjeta kjamata in kawża, u tali ċint ma ġiex mibni mis-soċjeta kjamata in kawża u konsegwentement ma hemm ebda relazzjoni ġuridika bejn is-soċjeta kjamata in kawża, ir-rikorrenti u l-inċident in kwistjoni;**

2. **Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet sussegwenti, t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti stante li s-soċjeta kjamata in kawża ma hija bl-ebda mod responsabbli għall-ħsara li allegatament sofra r-rikorrenti u dan kif ser jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;**

3. **Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti għandu jipprova l-allegazzjonijiet minnu magħmula in sostenn tat-talba tiegħu;**

4. **Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, ir-rikorrenti għandu jipprova n-ness bejn id-danni allegatament subiti minnu u s-soċjeta kjamata in kawża;**

5. **Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, kwalunkwe danni allegatament subiti huma unikament attribwibbli lir-rikorrenti u/jew hemm elementi ta' kontributorjeta' da parti tar-rikorrenti u/jew ta' terzi persuni kif ser jiġi stabbilit waqt it-trattazzjoni tal-kawża;**

6. **Illi t-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tas-soċjeta kjamata in kawża huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;**

7. **Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;**

**Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.'**

wara li semgħet ix-xhieda u qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tagħhom,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża inkluż l-affidavits li ġew ippreżentati,

wara li qrat in-noti ta' sottomissjonijiet finali ppreżentati għan-nom:

- tal-kumpanija rikorrenti, mill-Avukat Dr. Alessia Zammit McKeon u l-Avukat Dr. Maria Navarro[5],

[4] Fol 73-74
[5] Fol 234-253

- tal-intimata u tal-kjamata in kawża, mill-Avukat Dr. Alicia Borg[6],

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-kawża tikkonċerna ammont ta' € 6,300 li r-rikorrent jgħid li sofra meta fit-12 ta' Novembru 2019 waqa' ċint tal-intimata fuq il-vettura tiegħu li kienet ipparkjata fit-triq, liema ċint skond ir-rikorrent ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti. Għalhekk skond ir-rikorrent, l-intimata għandha t-tort tal-akkadut u hija dovuta tħallsu d-danni sofferti minnu.

2. L-intimata rrispondiet għall-kawża billi qabel xejn qalet li ċ-ċint li waqa' fuq il-vettura ma jappartjenix lilha u ma ġiex mibni minnha u għalhekk m'hemmx relazzjoni ġuridika bejnha u bejn ir-rikorrent. Fil-mertu qalet ukoll illi m'hijiex responsabbli għall-inċident, li r-rikorrent għandu obbligu jipprova n-ness bejn l-inċident u l-allegat aġir tagħha u li finalment huwa r-rikorrent li jaħti, *in toto* jew *in parte* għad-danni li jgħid li sofra.

3. Wara li ġiet kjamata in kawża, il-kumpanija kjamata in kawża wieġbet b'mod kważi identiku għal kif wieġbet il-kumpanija intimata fis-sens illi qalet li l-ċint ukoll ma kienx jappartjeni lilha, ma ġiex mibni minnha, li hi m'hijiex responsabbli, li r-rikorrent irid jipprova n-ness in kwistjoni u li r-rikorrent jew terzi persuni jaħtu *in toto* jew *in parte* għad-danni subiti.

**Provi**

4. Fil-5 ta' Frar 2021 ir-rikorrent **<u>Daniel Caruana</u>** ippreżenta l-affidavit tiegħu[7]:

    i. Spjega illi huwa s-sid tal-vettura tal-għamla Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 315 u li fit-12 ta' Novembru 2019 huwa kien ipparkja l-karozza tiegħu fi Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, fejn kien jgħix dak iż-żmien. Huwa qal li kien ipparkjaha ġewwa *parking bay* sa mill-10 ta' filgħodu u li quddiemha kien hemm vetturi oħra ipparkjati. Fuq in-naħa tax-xellug ta' fejn kien ipparkjat kien hemm xogħolijiet ta' kostruzzjoni għaddejjin biss però il-parkeġġ ma kienx ipprojbit. Ix-xogħolijiet li kienu qed isiru kienu ilhom għaddejjin u kienu fuq ġewwa tal-proprjetà.

    ii. Qal li s-sidien tal-proprjetà kien bnew ċint sabiex jagħlqu l-aċċess għall-istess proprjetà tagħhom. Iċ-ċint kien jestendi tul taż-żewġ proġetti li kienu qed jinbnew. Proġett wieħed kien jappartjeni għal Bilom filwaqt li l-ieħor kien jappartjeni lil Ta' Dernis. Qal kif l-ewwel ċint li inbena kien tal-Bilom għaliex ix-xogħolijiet tagħhom kienu fi stadju aktar avvanzat mill-proġett l-

---

[6] Fol 255-280
[7] Fol 4

ieħor. Huwa stqarr li mid-dehra tagħhom iċ-ċint ta' Ta'Dernis kien imqabbad ma' dak tal-Bilom, mingħajr spazju bejniethom. Huwa qal li ċ-ċint ta' Ta' Dernis ma kienx mibni sew u lanqas ma kien dritt. Huwa kien ipparkjat quddiem il-proġett tal-Bilom.

iii. Dakinhar kienet ix-xita però ma kienx maltemp qawwi li jwaqqà ċint. Huwa rċieva telefonata mil-għassa ta' Ħaż-Żabbar fejn kienu qalulu li waqa ħajt fuq il-karozza tiegħu. Huwa għalhekk mar fuq il-post u ra parti miċ-ċint tal-proġett ta' Ta' Dernis fuq karozza oħra u parti miċ-ċint tal-Bilom fuq il-karozza tiegħu. Huwa qal kif ma jafx liem ċint ġibed lill-ieħor però jaf li ċ-ċint ta' Ta' Dernis ma kellux ilqugħ u għalhekk kien espost. Iċ-ċint tal-Bilom kellu l-bini warajh u għalhekk kien protett. Huwa spjega kif il-ħajt li inbena wara reġà inbena bl-istess mod – mgħawweġ u lanqas kien mimli bil-konkos.[8]

iv. B'konsegwenza ta' dan il-karozza tiegħu sofriet diversi danni speċjalment fil-ġenb xellugi, fil-*bonnet* u fil-*windscreen*. Kien ġie *surveyor*[9] mill-assikurazzjoni Elmo Insurance Limited jeżamina l-karozza fejn qal li l-karozza li ġiet valutata € 7,800 kienet *total loss* u li r-*wreck* kellha valur ta' € 1,500. Huwa qal kif għażel li jżomm ir-*wreck* u qiegħed ifittex l-ammont ta' € 6,300. Spjega kif kien kiteb lil Ta' Dernis għall-bqija tal-ammont imma dawn ma bdewx jaċċettaw r-responsabbiltà għal dak li ġara.

5. Il-kontroeżami tar-rikorrent **<u>Daniel Caruana</u>** ġie kondott fuq żewġ seduti. Fis-seduta tal-14 ta' Marzu 2022[10] *inter alia*:

i. Ikkonferma li huwa pparkja biswit sit li kienet għada taħt kostruzzjoni. Mistoqsi kienx ra xi indikazzjoni li ma setgħax jipparkja huwa ċaħad dan. Mistoqsi huwiex bennej huwa qal li le u li qatt ma kien ta każ qabel ma waqa' il-ħajt dwar kif kien mibni.

ii. Ikkonferma li huwa kien ipparkjat quddiem il-parti tal-ħajt tal-Bilom u li fetaħ il-kawża kontra Ta' Dernis għaliex ġie dirett jagħmel dan mill-insurance tiegħu.

iii. Huwa ma ftakarx li kienet xi maltempata kbira dakinhar tal-inċident. Ukoll huwa ma kienx hemm dakinhar u dwar dak li ġara kien mexa fuq li qalulu. Madanakollu stqarr illi kien ċert illi ċ-ċint ta' Ta Dernis ma kellux lqugħ warajh mentri tal-Bilom kellu l-binja warajh.

iv. Huwa spjega kif it-tiswijiet li għamel fil-karozza kien ħariġhom minn butu, swewh ftit aktar minn € 4,000 u li kien fadallu x'jirranġa fiha.

[8] Fol 18 *et seq.* – Dok DC1 u Dok DC2
[9] Id-dokument li jsir riferenza għalih fl-*affidavit* ossia Dok DC3 ma kienx anness mal-istess affidavit iżda ġie ppreżentat mis-*surveyor* Brady Micallef innifsu bħala Dok BM1 a fol 48-59
[10]Fol 89A

v. Fil-kontroeżami tad-9 ta' Mejju 2022 imbagħad spjega kif is-*surveyor* kien iddeċieda li l-karozza kienet *beyond economical repair* u għalhekk peress li ma kienx f'qagħda finanzjarja tajba dak iż-żmien huwa sewwa fejn u kif setgħa u xtara *parts* li kienu *second hand*. Ikkonferma li ma kellux irċevuti għaliex ma kien żamm xejn.

6. Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2021 ġie prodott **PC 115 Mario Farrugia**[11] mir-rikorrent:

i. Dan xehed *inter alia* li dakinhar huwa kien irċieva telefonata ġewwa l-għassa ta' Marsaskala fejn imbagħad hu u PC 133 marru fi Triq Salvu Buhagiar fejn sabu *boundary wall* tal-*bricks* ta' sit ta' kostruzzjoni maqlub fuq żewġ vetturi. Spjega kif dakinhar kien maltemp u riħ qawwi u l-ħajt waqa' konsegwenza tar-riħ.

ii. Qal li l-ħajt kien jappartjeni lil żewġ siti, ta' Dernis u tal-Bilom. Huma kien individaw lir-rikorrent min-numru tar-reġistrazzjoni u ċemplulu biex imur fuq il-post.

iii. Mistoqsi liema parti tal-ħajt kienet waqgħet huwa xehed li kien waqa' parti mill-ħajt tal-Bilom u parti minn Ta' Dernis. Huwa spjega kif miż-żewġ siti ta' kostruzzjoni waħda kienet mibnija u l-oħra kienet għada ħofra, però ma ftakarx liema kienet dik mibnija, ossia jekk hux ta' Dernis jew tal-Bilom.

iv. Mistoqsi jekk il-maltemp kienx dakinhar jew jekk filfatt kienx xi ġranet qabel huwa qal li l-maltemp kien dakinhar u ftakar dan għaliex dakinhar kellu jdaħħal il-vettura tiegħu f'*garage* fil-viċinanzi. Ftakar ukoll illi tant kienet xita li spiċċaw mxarrbin għasra. Mistoqsi jekk dakinhar kienux daħlulom aktar rapporti ta' ħitan imwaqqa f'dik it-triq huwa wieġeb fin-negattiv.

v. Ftakar ukoll li fuq il-post kien ġie rappreżentant minn Ta' Dernis u dan kien qallhom li l-kumpanija kienet diġà għamlu kuntatt mal-assigurazzjoni tagħha.

vi. Mistoqsi jekkx kienx investiga l-mod ta' kif kien mibni l-ħajt huwa wieġeb fin-negattiv.

vii. Mistoqsi in kontroeżami kif kien jaf li parti mill-ħajt huwa tal-Bilom u parti ieħor ta' Ta' Dernis huwa qal li meta kien ġie r-rappreżentant ta' Dernis huwa stess kien qalilhom b'dan. Huwa ma kienx għamel il-verifiki tiegħu iżda nforma lis-sidien tal-vetturi milquta bl-akkadut li min-naħa tagħhom kellhom ikellmu lill-kuntratturi involuti.

7. Fl-istess seduta xehed ukoll **PC 1333 Andre Farrugia**[12] fejn fost oħrajn qal li:

---

[11] Fol 27
[12] Fol 31

i. Dakinhar huwa kien qed jaħdem l-għassa ta' Marsaskala u kien *second watch* jiġifieri ta' waranofsinhar. Għall-ħabta tas-sagħtejn neqsin kwart huma rċevew telefonata li kien hemm ċint li waqa' fuq żewġ vetturi ġewwa Triq Salvu Buhagiar.

ii. Spjega kif dakinhar kien ħafna maltemp. Marru fuq il-post u sabu ċ-ċint imwaqqa' fuq żewġ karozzi – żewġ karozzi Volkswagen bin-numru ta' reġistrazzjoni JBN 763 u l-oħra DCA 315. Huma għamlu l-istħarriġ min-nies preżenti u qalulhom li s-siti kienu ta' żewġ kuntratturi – Ta' Dernis u l-Bilom. Infurmaw is-sidien u dawn ġew fuq il-post.

iii. Mistoqsi setgħax jikkonferma li waħda mill-karozzi kinitx ta' Daniel Caruana huwa ikkonferma dan u qal li din kienet l-ewwel waħda u li kienet ipparkjata maġenb il-ħajt li kien jagħti għal binja li kienet diġà mtellgħa. Il-vettura l-oħra kienet ipparkjata maġenb ħajt li kien jagħlaq sit fejn il-bini ma kienx għadu telà.

iv. Ikkonferma li l-vettura tar-rikorrent kellha ħsara mal-ġenb u fuq is-saqaf. Huwa ma kienx jaf ta' liema kuntrattur kienet il-binja li kienet diġà nbniet.

v. Mistoqsi investigax kif kien mibni il-ħajt huwa qal li ma kienux daħlu f'dawn l-affarijiet iżda xogħolhom dakinhar kien li jaċċertaw ruħhom li ma jkunx hemm aktar periklu lil terzi minħabba li kien hemm maltemp kbir. Għalhekk kienu waħħlu t-*tape* tal-pulizija maċ-ċint biex ma jipparkja ħadd u kienu anke waħħlu xi tabelli.

vi. Mistoqsi jekk dakinhar kienux daħlu rapporti oħra ta' inċidenti simili huwa qal li ma jiftakarx li kienu daħlu rapporti oħra fis-*shift* tiegħu.

vii. Huwa esebixxa ukoll ir-rapport tal-okkorrenza[13] li minnu *inter alia* jirriżulta illi: *"Minn stħarriġ li sar irriżulta illi l-imsemmi ċint huwa maqsum bejn żewġ kumpaniji li huma Bilom Group u Ta' Dernsi. Il-parti taċ-ċint li tappartjeni lil Bilom għamlet ħsarat fuq il-vettura DCA-315 filwaqt li l-parti Ta' Dernis għamlet ħsarat fuq il-vettura JBN-763".*

8. Fl-istess seduta ġiet prodotta ukoll mir-rikorrent in eżami **<u>WPS 210 Tania Mangion</u>**[14]. Din xehdet li kienet xogħol ġewwa l-għassa ta' Ħaż-Żabbar dakinhar ta' dan l-inċident u li kienet ġiet infurmata mill-kuntistabblijiet li taw ix-xhieda qabilha li kien sar inċident. Hija ma marritx fuq il-post iżda kienet ġiet infurmata bir-rapport peress illi kienet is-surġent responsabbli dak il-ħin.

9. Fis-seduta datata l-10 ta' Mejju 2021 xehed **<u>Brady Micallef</u>**[15] li qal li dak iż-żmien huwa kien jaħdem bħala *surveyor* tal-karozzi ma' Elmo Insurance Limited. Fost affarijiet oħra:

---

[13] Fol 36-37
[14] Fol 34
[15] Fol 45

i. Huwa kkonferma li kien spezzjona l-vettura bin-numru DCA 315 fid-19 ta' Novembru 2019, liema vettura kellha ħsara konsiderevoli u għalhekk ma kienux ġew awtorizzati li jsiru riparazzjonijiet. Spjega kif inġiebet stima tal-parts neċessarji u ġiet ukoll kkunsidrata *loss of use* minħabba li l-karozza ma setgħetx tinstaq sakemm tissewwa.

ii. Stante il-*market value* tagħha ġie deċiż li l-vettura kienet *beyond economical repair*. Huwa spjega kif il-ħsarat kienu konsistenti ma' bini li waqa' fuq il-vettura li kienet ipparkjata. Il-ħsara kienet fil-bonnet, fil-windscreen, fis-saqaf, fil-pilastru, fil-bibien u fir-rota u fil-mera.

iii. Mistoqsi x'kien il-valur tal-karozza qabel l-inċident, huwa qal li l-valur kien dak ta' € 7,800 u li għal dan il-għan kien intuża *guidebook* li jinħareġ mill-*Malta Insurance Association*. Is-*salvage value* tar-*wreck* kien ta' € 1,500, liema valur huwa wasal għalih billi *inter alia* ra x'*parts* kienu għadhom jiffunzjonaw. Huwa ikkonferma li l-istima tal-*parts* kienet ta' € 4,854.06 u ppreżenta ukoll ir-rapport tiegħu.[16]

10. Fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2023 xehed in kontroeżami l-istess **<u>Brady Micallef</u>**[17]:

i. Mistoqsi rigward is-*survey* li għamel fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 315 huwa kkonferma li kienet ingaġġatu Elmo Insurance sabiex jwettaq l-istess *survey*. Huwa ma kienx jaf kif kienet assigurata l-vettura.

ii. Mistoqsi jekk l-istima tal-*parts* li pprovda kienitx tirreferi għal *parts* ġodda, huwa qal li ċertu parts kellhom ikunu ġodda għaliex il-vettura kienet tas-sena 2009. Huwa spjega kif kien hemm dipartiment li jfittxu l-istimi u ma kienx hu li jagħmel dan.

iii. Qal li ma kienetx faċli li wieħed isib *parts second hand* ta' din il-vettura.

iv. Mistoqsi dwar ir-referenza li huwa għamel fir-rapport tiegħu rigward *repairable total loss* huwa spjega li l-vettura kienet tiswa € 7,800 u bid-danni li sofriet ġiet meqjusa li kienet *total loss beyond economical repair*. Dan ma jfissirx li kellha tiġi scrapjata. Però minħabba l-valur tagħha l-assigurazzjoni ma kienx jaqblilha tidħol għall-ispejjeż tat-tiswijiet li kien hemm bżonn. Għalhekk il-kliem *beyond economical repair* kienu użati f'dan is-sens.

11. Fl-14 ta' Ġunju 2021 xehed il-**<u>Perit David Grima</u>**[18] prodott mir-rikorrent. Fost affarijiet oħra:

[16] Rapport esebit mix-xhud bħala Dok BM1 a fol 48 *et seq.*
[17] A fol. 213 et seq.
[18] Fol 63A *et seq.*

i. B'referenza għar-rapport redatt minnu[19] spjega kif hu kien inkarigat minn Bilom Group, speċifikament minn Joe Abela sabiex jinżel fis-sit u jivverifika l-inċident li kien seħħ minħabba r-riħ. Huwa kien involut fil-proġett tal-Bilom Group bħala *structural engineer*.

ii. Spjega kif il-*boundary wall* kien inbena mill-kuntrattur David Borg u ċioe il-kuntrattur tal-Bilom. Il-ħajt kien jasal sa' fejn kienet tasal il-proprjetà tal-Bilom Group. Huwa ma kienx jaf min tella l-boundary wall lil hinn minn dak tal-Bilom però qal li kien jaf li s-sit l-ieħor kien ta' Ta' Dernis u Tumas Invest. Mistoqsi rigward x'kien hemm fis-sit tal-Bilom Group huwa qal li kienu diġà żviluppaw żewġ livelli ta' parkeġġ u erbgħa sulari t'appartamenti u li kien għad fadal biss sular wieħed.

iii. Mistoqsi dwar il-kostruzzjoni fis-sit ta' Denis mir-ritratti esebiti huwa qal li jidhirlu li s-sit kien għadu kemm ġie imħaffer dak iż-żmien tal-inċident. Mistoqsi liema kien il-ħajt li ġibed lill-ieħor huwa qal li dan il-fatt kien diffiċli sabiex jiġi kkonstatat b'ċertezza assoluta però jidhirlu li kien il-ħajt li jappartjeni lil Ta' Dernis / Tum Invest li kien ġibed il-ħajt tal-Bilom.

iv. Huwa qal li meta mar fil-post kien jidher li l-ħajt tas-sit ta' Ta' Dernis kien intlaqat mir-riħ u ġibed il-kantuniera tas-sit tal-Bilom. Il-ħajt fuq in-naħa tas-sit ta' Ta' Dernis kien espost u għalhekk inħolqot il-problema.

v. In kontro-eżami il-Perit David Grima ġie mistoqsi kienx jaf biċ-ċert ta' min hu s-sit adjaċenti u huwa kkonferma li kien ta' Ta' Dernis però ma kellux dokumentazzjoni. Huwa spjega li wara l-inċident huwa kien tqabbad jaħdem fuq il-proġett ta' Ta' Dernis ukoll. Mistoqsi kienx hemm oħrajn involuti ma' Ta' Dernis huwa qal li meta joħroġ il-kontijiet, jagħmel dan lil Ta' Dernis u Tum Invests.

vi. B'referenza għar-ritratt ta' fuq a fol 19 tal-proċess il-Perit ikkonferma bl-inka ħamra sa fejn kien jasal il-bini u l-ħajt tal-Bilom u kkonferma li l-*boundary wall* kien jasal sat-tarf tal-binja tal-Bilom. Mistoqsi ta' min huma il-*bricks* tal-*boundary wall* li waqgħu fuq il-vettura tar-rikorrent huwa spjega li dan ma jistax jiġi determinat għaliex kien hemm ħafna *bricks* u għalhekk ir-riħ seta' tajjarhom,

vii. In rieżami mistoqsi kif iċ-ċint tal-Bilom inqaleb b'dak il-mod huwa qal li fl-opinjoni tiegħu, minħabba li s-sit tal-Bilom kien jinsab f'kantuniera, il-ħajt kien iktar b'saħħtu u ma kienx espost anke minħabba li kien hemm il-bini mtellgħa u għalhekk kienet ferm diffiċli li l-ħajt waqa' min-naħa tal-Bilom. Mistoqsi kienx jaf kif kienu marbutin ma' xulxin il-boundary walls rispettivi

[19] Fol 62 - Dok DG

huwa qal li jimmaġina li kulħadd kien bena għalih. Qal li ma dehrlux li ċ-ċint tal-Bilom kien marbut ma' dak ta' Dernis.

viii. Fir-rapport tiegħu datat 25 ta' Novembru 2019 esebit bħala Dok DG (a fol 62 *et. seq.*) il-Perit Grima stqarr *inter alia* kif ġej:

- "Boundary wall around the site covered by PA9805/17 was built by David Borg contractor responsible for construction works for the same site (license no. ML 1555).

- Boundary wall is built from masonry block wall, blocking unauthorised access to the site from Triq Salvu Buhagiar. The wall is freestanding, with rear buttresses constructed at several intervals to further reinforce the wall against any lateral forces.

- Due to the unforeseen nature and direction of the wind, the wall collapsed from the start of third-party site onwards right beyond the dividing line. This could have been as a result of the wall being unsheltered, where the boundary wall in front of the building has been sheltered from lateral force of the wind by the constructed block."

12. Fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 xehed prodott mir-rikorrent, is-Sur **Thomas Mifsud**[20] bħala direttur in rappreżentanza tal-kumpanija intimata. Fost affarijiet oħra:

i. Mistoqsi jikkonferma jekk il-kumpanija Ta' Dernis Limited kienitx il-proprjetarja tas-sit fi Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala huwa qal li kellhom żewġ siti, waħda kienet fuq Ta' Dernis u l-oħra fuq il-kumpanija T.I.T.D. Properties, li hu ukoll kien direttur tagħha.

ii. Ikkonferma li s-sit in kwistjoni inqaleb fuq T.I.T.D. Properties Limited. Huwa xtara s-sit in kwistjoni ma' oħrajn fl-24 ta' Settembru 2018 mingħand l-aħwa Sant Cassia u l-propjetarju hija l-kumpanija T.I.T.D. Properties Limited.

iii. Mistoqsi x'involviment kellha Ta'Dernis Limited fit-12 ta' Novembru 2019 huwa qal li ma jafx. Huwa jaf biss li xtraha u xtraha permezz tal-kumpanija T.I.T.D. Properties Limited.

13. L-istess xhud **Thomas Mifsud** xehed permezz ta' *affidavit* fl-istadju tal-provi tal-intimata u l-kjamat in kawża, liema *affidavit* ġie ppreżentat fl-20 ta' Marzu 2023[21]. Dan ġie magħmul fil-kariga tiegħu ta' direttur kemm tal-kumpanija intimata u kemm tal-kjamata in kawża. Fost affarijiet oħra:

---

[20] Fol 68A
[21] Fol 209

i. Qal li għar-rigward tas-sit in kwistjoni Ta' Dernis Limited qatt ma kellha sehem fih iżda kienet T.I.T.D. Properties Limited li kienet xtrat dan is-sit. Lanqas ma kellha sehem bħala appaltatur jew kuntrattur.

ii. Huwa spjega kif il-kumpanija T.I.T.D. Properties Limited inkarigat lill-kumpanija Mo Bros (Malta) Limited bħala kuntrattur fuq dak is-sit.

iii. Rigward il-ħajt huwa qal li dan kien *boundary wall* u kien wieħed temporanju. Għalhekk dan qatt ma kellu jkun mimli proprju għaliex kien wieħed temporanju. Huwa qal li lanqas il-ħajt tal-Bilom ma kien mimli.

iv. Ftakar li qabel ma ġara l-inċident, tal-Bilom għamlu fetħa ġol-ħajt għall-aċċess għall-binja tagħhom. Skond hu, din il-fetħa naqqset is-saħħa tal-ħajt tal-Bilom u kien proprju għalhekk li waqgħu ż-żewġ ħitan meta għamel il-maltemp.

v. Huma kienu kellmu lill-kumpanija tal-assigurazzjoni tagħhom Mapfre Middlesea p.l.c. u nfetħet claim. Din infurmathom illi filwaqt li kienet lesta tħallas il-ħsarat tal-vettura li kien waqa' l-ħajt tagħhom fuqha, però ma kienitx qed tieħu responsabbiltà' tad-danni kkawżati meta l-ħajt tal-Bilom waqa' fuq il-karozza l-oħra ossia dik tar-rikorrent. Għalhekk sostna li l-ebda waħda mill-kumpaniji li jirrappreżenta ma kienet responsabbli għall-inċident.

14. L-istess **Thomas Mifsud** xehed in kontroeżami fis-27 ta' Novembru 2023 [22]. Fost affarijiet oħra:

i. Mistoqsi jekk jiftakarx li l-kumpanija Ta' Dernis Limited kienet rċeviet ittra uffiċjali fit-12 ta' Marzu 2020 huwa saħaq li ma jiftakarx. Mistoqsi x'involviment personali kellu fis-sit in kwistjoni huwa qal li kien direttur tal-kumpanija bi sħab ma' ħaddieħor. Huwa qal li kien imur fuq is-sit kull ħmistax jara x-xogħol u jiltaqa' ma' min kien qed jieħu ħsieb. Huwa qal li l-proġett tal-Bilom kien beda qabel tagħhom u kien għalhekk li kien avvanzat iktar minn tagħhom.

ii. Spjega li dakinhar tal-inċident il-binja tal-Bilom kienet diġà inbniet. Dak iż-żmien tagħhom kienet ftit 'il fuq mill-pedamenti. Rigward il-ħsara li seħħet fuq il-vettura li kienet ipparkjata quddiem is-sit tagħhom huma għalqu l-kwistjoni mal-assigurazzjoni li qalet li ser tkopri d-danni.

iii. Spjega kif *boundary wall* ikun mibni jew fuq il-bankina jew fuq it-*tarmac* u jkun impoġġi bit-tajn u siment. Dan hekk jinbena normalment però huwa ma

[22] Fol 222 *et seq.*

kienx involut fil-bini tal-ħajt tal-Bilom. Qal li l-ħitan kienu qed imissu ma' xulxin u ma kienux ingaljati f'xulxin u għalhekk ma seta' qatt jiġri li l-ħajt tagħhom jiġbed dak tal-Bilom.

iv. Rigward il-fetħa li sostna li kienu fetħu l-Bilom fil-ħajt tagħhom, qal li huwa kien ra din il-fetħha ftit qabel l-inċident. Mistoqsi kemm kienet il-bogħod din il-fetħa minn fejn ikkollassa l-ħajt huwa qal li kienet ftit 'l hemm minn tagħhom ċirca erba' metri.

15. Fit-2 ta' Frar 2022 ġie ippreżentat l-*affidavit* ta' **David Borg**[23], ossia l-kuntrattur li kien bena l-ħajt ta' quddiem il-proprjeta tal-Bilom:

i. Huwa qal li ilu bennej għal rasu għal dawn l-aħħar 21 sena. Huwa kien ġie inkarigat minn Bilom f'Marzu tas-sena 2019 sabiex jagħmel xi xogħolijiet ta' kostruzzjoni fi Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala, konsistenti f'sitt sulari appartamenti u żewġ sulari garaxxijiet.

ii. Huwa spjega kif meta beda is-sit kien diġà skavat madwar sebà metri 'l isfel. Qabel ma beda huwa bena *boundary wall* sabiex jagħlaq l-aċċess għall-pubbliku. Dan inbena għoli ta' sebà filati mill-bankina, kien tal-*bricks* u kull tmienja għamel pilastru. Dan kien ta' madwar sittin pied.

iii. Huwa spjega kif il-*boundary wall* li tella hu u dak li ttella minn Ta' Dernis inbnew fl-istess żmien. Jiftakar dan għaliex iż-żewġ kuntratturi kienu ftehmu ma' kuntrattur ieħor li kellu sit maġenb tal-Bilom biex iqattgħu l-plot flimkien. Huwa kien l-ewwel wieħed li bena, u ftit wara nbena l-ħajt Ta' Dernis.

iv. Spjega kif il-ħajt ta' Ta' Dernis ma kellux is-sapport li kellu l-ħajt mibni minnu, ma kienx dritt u kien evidenti li ma kienx mibni skond is-sengħa partikularment bil-mod kif donnhom kienu tqegħdu fuq xulxin il-*bricks*.

v. Ftakar kif dakinhar tal-inċident kienu ċemplulu l-Pulizija biex imur fuq il-post u kien sab il-ħajt ta' Ta' Dernis imwaqqa' kollu filwaqt li tiegħu kien hemm xi 3 metri imwaqqa'. Ftakar ukoll kif hu kien kważi lesta mix-xogħol filwaqt li Ta' Dernis ma kien għad tella xejn u għalhekk il-ħajt kien espost.

vi. Kienet evidenti għalih li l-ħajt ta' Ta' Dernis kien ġibed lil ħajt li kien bena hu. Qal li huwa kien lesta l-binja kompletament fis-7 ta' Diċembru 2019.

vii. L-istess xhud esebixxa ukoll mal-*affidavit* tiegħu sensiela ta' ritratti li ħadhom huwa stess u li jsostnu dak li qal fosthom il-mod kif kienu mibnija l-ħitan in kwistjoni.

[23] Fol 76

16. L-istess xhud **David Borg** xehed in kontroeżami fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022[24]:

    i. B'referenza għar-ritratt esebit minnu bħala Dok DB3 huwa qal li dan kien il-ħajt li waqa' u li kien ta' Dernis. Hu qal li l-ħajt kien dritt u Ta'Dernis qalgħu il-bricks minn fuq u qabbdu magħhom u meta kien hemm ir-riħ il-ħajt mibni minnu qatt ma seta' jaqa' għax diġà kellu blokka mibnija.

    ii. B'referenza għal Dok DB5 mistoqsi jikkonferma jekk il-parti tal-ħajt it-twil kinitx kollha tal-Bilom huwa qal li l-istess bħal ma kellhom huma kellhom ukoll Ta' Dernis. Huwa kkonferma li r-ritratti ittieħdu fil-11 ta' April 2019.

    iii. Mistoqsi jekk meta mar fuq il-post setax jinnota li mhux il-ħajt kollu ta' Ta' Dernis kien imwaqqa', huwa reġa qal li l-ebda ħajt ma kien waqa' kollu.

    iv. Huwa sab vettura tat-tip Golf bajda u vann tal-marka Chevrolet bil-bricks fuqhom. Sakemm il-pulizija għamlu xogħolhom huwa ċempel lill-lavranti, mar għalihom u rranġaw il-ħajt u imbagħad il-pulizija għalqu ż-żona.

    v. Huwa kkonferma li l-ħajt ta' Ta' Dernis ma kienx ingaljat ma' tagħhom. Li għamlu huma qalgħu l-bricks u tellgħu magħhom.

17. Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2022 xehed **George Stagno Navarra**[25] in rappreżentanza ta' Elmo Insurance Limited:

    i. Huwa kkonferma li l-assigurazzjoni li kellu r-rikorrent fuq il-vettura tiegħu fil-mument tal-inċident kienet tat-tip *third party fire and theft* u dan għal perjodu bejn l-1 ta' Mejju 2019 sat-30 ta' April 2020. Spjega li r-rikorrent kien għamel *claim* għaliex kien waqa ħajt fuq il-karozza tiegħu li kienet ipparkjata. Huma talbu r-rapport tal-pulizija u tqabbad ukoll *surveyor* biex jagħti stima tal-ħsarat li ġarrbet il-vettura.

    ii. Minkejja t-tip ta' kopertura, l-assigurazzjoni kienet obbligata taħt il-polza sabiex joffru għajnuna legali lill-assigurat[26].

    iii. Is-*surveyor* kien spezzjona l-karozza u stmaha li kienet *beyond economical repair.* Il-valur tagħha qabel l-inċident kien dak ta' € 7,800 u ġiet stabbilita ukoll is-somma ta' € 1,500 bħala *salvage sum.*

18. Fis-seduta tat-30 ta' Jannar 2023 xehed in eżami **Michael Bugeja**[27] u cioe id-direttur tal-kumpaniji fi ħdan il-Bilom Group:

[24] A fol. 97
[25] A fol. 92E
[26] Paġna 10 tal-polza
[27] Fol 113A *et seq.*

i. Mistoqsi rigward is-sit tal-inċident u jekk hu kienx proprjetarju tal-istess huwa qal li Bugeja & Desira Limited kienet il-proprjetarja. Huwa kien shareholder u direttur f'din is-soċjeta.

ii. Huwa kkonferma li l-binja nbniet minn David Borg u li l-assigurazzjoni konċernata kienet Elmo Insurance.

iii. Mistoqsi x'kien għamel meta seħħ l-inċident qal li kien irrisponda ittra li kienet intbagħtet minn Ta' Dernis. Huma kien infurmaw lil Elmo Insurance bl-ittra li kienet intbagħtet.

19. Fl-istess seduta, ossia dik tat-30 ta' Jannar 2023, xehdet ukoll **Sharon Vella** in rappreżentanza ta' Mapfre Middlesea Insurance plc[28]. Fost affarijiet oħra:

i. Qalet li l-polza relattiva P72A000157 hija *Contractors All Risks insurance* relatata ma' xogħolijiet ta' bini.[29] Il-klijent tagħhom kienu l-kumpaniji intimata u kjamata in kawża. Il-parti relatata mat-terzi kellha żewġ partijiet, waħda xogħolijiet u l-oħra liability. Din kienet assoċjata mas-sit ġewwa Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala. Bħala polza hija waħda annwali li tkopri diversi proġetti u għalhekk tkopri xogħolijiet diversi.

ii. Wara l-inċident huma ġew notifikati li seħħ l-istess minn *Tied Intermediary* u kienu appuntaw *surveyor*. Għall-ewwel in-notifika saret dwar ħsara fuq vettura oħra. F'dan l-istadju bagħtu l-perit tagħhom biex jagħmel spezzjoni fuq is-sit in kwistjoni.

iii. Rigward il-vettura bin-numru DCA 315 huma ġew notifikati minn Elmo Insurance dwar il-ħsarat però l-polza ma kienitx tkopri dan l-inċident u dan għaliex mir-rapport tal-Perit li kienu bagħtu rigward l-ewwel vettura l-inċident ma kienx jaqa' taħt il-kundizzjonijiet tal-polza.

iv. Fis-seduta sussegwenti datata 20 ta' Marzu 2023 hija spjegat li Mapfre Middlesea plc ma kienet onorat l-ebda *claim*. Spjegat li fir-rapport tiegħu[30] il-perit ngaġġat minnhom kien qal li l-ħajt ma kienx mimli kif suppost u li ried jitwaqqa' u jerga jinbena taħt superviżjoni ta' perit. L-assigurat kellu l-obbligu li jagħmel l-affarijiet sew u dan ma kienx il-każ skond il-perit.

**Kunsiderazzjonijiet**

20. Jirriżulta ċar mix-xhieda u dokumenti esebiti illi l-inċident in kwistjoni seħħ meta waqgħu *boundary walls* li kienu qed jagħlqu żewġ siti ta' kostruzzjoni fuq żewġ vetturi. Il-*boundary wall* li kien qed jagħlaq is-sit tal-kumpanija intimata/kjamata in kawża waqa' fuq vettura li hija estranja għal dawn il-proċeduri. Il-*boundary wall* li kien qed jagħlaq is-sit tal-kumpaniji tal-Bilom Group waqa' fuq il-vettura tar-

[28] Fol 113E *et seq.*
[29] Dok SV1 a fol 114-183
[30] Dok SV2

rikorrent. Il-livell ta' kostruzzjoni fiż-żewġ siti kien wieħed distint, peress illi filwaqt li l-binja tal-Bilom kienet kważi lesta, dik tal-kumpanija intimata/kjamata in kawża kienet prattikament għadha fil-livell tal-iskavar tant illi kien hemm vojt kbir wara l-istess *boundary wall* tagħhom.

21. Il-pożizzjoni tar-rikorrenti hija dik illi għalkemm il-ħajt li waqa' fuq il-vettura tiegħu ma kienx jappartjeni lill-intimata/kjamata in kawża, madanakollu l-kollass beda mill-ħajt li jappartjeni lilhom u dan wassal sabiex il-ħajt tat-terzi jaqa' fuq il-vettura tiegħu. Għalhekk skond hu u peress illi l-ħajt tal-intimata/kjamata in kawża ma kienx mibni skond is-sengħa u l-arti, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu responsabbli għad-danni sofferti minnu. Dawn tal-aħħar isostnu però illi l-ħajt kien mibni kif suppost, li l-ħajt tagħhom ma kienx ingaljat ma' dak tat-terz u għalhekk ma setax jiġbdu u li l-Bilom stess kienet dgħajjfet il-ħajt tagħha meta bniet fetħa fih sabiex ikollha aċċess għall-binja tagħha mit-triq.

*L-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika*

22. Qabel xejn, jingħad illi l-kumpanija intimata Ta' Dernis Limited, qajjmet l-eċċezzjoni preliminari illi mhijiex il-leġittimu kuntradittur f'dawn il-proċeduri u dan għaliex il-ħajt in kwistjoni ma jappertjenix lilha, ma ġiex mibni minnha u għalhekk ma teżistix relazzjoni ġuridika bejnha u bejn ir-rikorrenti fir-rigward tal-inċident mertu ta' din il-kawża. Wara li ġiet kjamata in kawża l-kumpanija T.I.T.D. Properties Limited, din ukoll eċċepiet b'mod preliminari illi m'hijiex il-leġittimu kuntradittur.

23. Il-kawża hija msejsa fuq l-hekk imsejjaħ *illeċitu akwiljan* ossia meta l-allegat danni jkunu ġew ikkaġunati f'rapport extrakuntrattwali u jkunu b'riżultat tal-att tal-bniedem bħala ksur tad-dover ta' protezzjoni jew ta' dover ġenerali tan-*neminem laedere* kombinat man-negliġenza taħt l-Artikoli 1029 et. seq. tal-Kodiċi Ċivili:

> **'1029. Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.**
>
> **1031. Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.**
>
> **1032. (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja.**
>
> **1033. Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk.'**

24. Sabiex jiġi stabbilit min hu l-leġittimu kuntradittur f'kawża ta' din ix-xorta l-unika indaġni li trid tagħmel il-Qorti hi jekk, fl-ipoteżi li l-premessi tar-rikors promotur tar-rikorrent huma fondati, dawn jistgħux jolqtu lill-kumpanija intimata jew lil dik kjamata in kawża. Min kellu r-responsabiltà minn dawn iż-żewġ kumpaniji (jekk

dejjem hemm) li juża l-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja b'mod illi jipprevjeni li l-inċident jseħħ?

25. Min-nota ta' insinwa esebita fl-atti[31] jirriżulta li fl-24 ta' Settembru tas-sena 2018, jiġifieri qabel ma seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża, il-proprjeta' li skond ir-rikors promotur tar-rikorrent tappartjeni lill-kumpanija intimata kienet filfatt inxtrat mill-kumpanija kjamata in kawża. Mela huwa stabbilit illi fid-data tal-inċident, il-ħajt li waqa' u li parti minnu ingħad li kien tal-intimata, filfatt kien jappartjeni lill-kjamata in kawża. Naturalment dan ma jfissirx awtomatikament illi l-kumpanija intimata ma kellha l-ebda tort għall-inċident in kwistjoni, peress li din xorta waħda seta' kellha obbligu ta' prudenza jew diliġenża li naqset milli teżerċita nonostante illi ma kienitx is-sid tal-ħajt in kwistjoni. Lanqas ma jfisser illi l-Qorti ma tistax eventwalment tikkonkludi illi, minkejja li l-kumpanija kjamata in kawża hija s-sid tal-istess ħajt, hija xorta waħda estranja għar-responsabilita *ex-quasi-delictu.*

26. Għad li l-eċċezzjonijiet tan-nuqqas ta' leġittimu kontradittur ġew proposti b'mod preliminari, in-natura tagħhom fiċ-ċirkustanzi tal-każ hija tali li ma kienx jagħmel sens li l-Qorti tiddeċidihom qabel ma tisma' l-provi fil-mertu.

27. Issa mill-provi ma rriżulta bl-ebda mod illi l-kumpanija intimata għad li ma kienetx is-sid ta' xi wieħed mill-ħitan in kwistjoni, kellha xi *standard of care* li ma laħqitx jew xi obbligu ta' prudenza jew diliġenża li naqset milli teżerċita. Dan seta' kien il-każ per eżempju li kieku ġie ppruvat illi l-intimata ħadet f'idejha r-responsabiltà tal-bini tal-proġett ta' kostruzzjoni jew imqar tal-ħitan in kwistjoni. Minn dan ma rriżulta xejn u għalhekk jidher ċar illi verament m'hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejn ir-rikorrent u l-kumpanija intimata. Għalhekk il-Qorti qed tilqà  l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-kumpanija intimata u tastjeni milli tkompli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha stante illi effettivament imbagħad dawn jittrattaw il-mertu ta' kwistjoni li ma tikkonċernax lilha.

28. Naturalment għal dan ma jaħtix ir-rikorrent partikularment għaliex din il-kwistjoni anqas biss tqajmet mill-intimata fir-risposta tagħha għall-ittra uffiċjali ppreżentata minnu qabel il-ftuħ tal-kawża[32]. Inoltre ftit li xejn kienu ta' għajnuna r-rappreżentanti legali tal-intimata li sa diversi xhur wara l-ftuħ tal-kawża urew li ma kienux lesti li jidentifikaw min huwa s-sid tas-sit in kwistjoni anke meta ntalbu jivverbalizzaw dan il-punt *seduta stante*. Mhux hekk biss, l-istess rappreżentanti legali imbagħad oġġezzjonaw bil-qawwa li tidħol fil-kawża l-kjamata in kawża u meta finalment il-Qorti ddeċidiet fuq dan il-punt, oħroġ il-għaġeb kienu l-istess rappreżentanti legali li ffirmaw ir-risposta tal-kjamata in kawża ! Il-Qorti tqis illi dan l-aġir mhuwiex sempliċiment wieħed *normali* u ta' min jistennih minn avukati avversarji iżda jmur oltre minn hekk billi kien jikkonsisti f'makkakerija intiża biex tfixkel l-andament tal-kawża u t-tfittxija għall-verità. Lanqas ma taqbel il-Qorti illi r-

[31] Dok AZM1 a fol 69
[32] Dok AZM4 a fol 72

rikorrent kellu xi kompitu li joqgħod jagħmel riċerki dwar lil min kien jappartjeni l-ħajt oltre minn dak li seta' jirriżultalu *prima facie*. Ċertament li s-sistema ta' tfittxijiet fir-Reġistru Pubbliku ma tantx tagħmilha faċli sabiex wieħed ifittex min ikun is-sid ta' art peress illi għajr għal ċertu eċċezzjonijiet (ossia fejn is-sit ikun jinsab f'żona ta' reġistrazzjoni tal-artijiet) ir-riċerki isiru skond id-dettalji tal-vendituri/kumpraturi u mhux skond id-dettalji tal-art.

29. Fl-*affidavit* tiegħu, Thomas Mifsud[33] ikkonferma ukoll illi l-kuntrattur relattiv għall-binja tas-sit in kwistjoni, Mo Bros (Malta) Limited, kien tqabbad mill-kumpanija T.I.T.D Properties Limited. Dan iffisser li mil-lat ta' entita li għandha <u>interess ġuridiku</u> l-Qorti hija sodisfatta illi l-kjamata in kawża hija leġittima kontradittur f'dawn il-proċeduri.

30. Li jrid jiġi deċiż issa huwa jekk bħala s-sid tal-ħajt in kwistjoni l-kjamata in kawża kisritx l-obbligi tagħha skond il-liġi vis-a-vis ir-rikorrent meta dan sofra d-danni fil-vettura tiegħu.

*L-attribwibbilità tar-responsabbiltà ta' dan l-inċident*

31. Fl-*affidavit* tiegħu r-rikorrent spjega kif huwa kien ipparkjat fi Triq Salvu Buhagiar ġewwa Marsaskala, f'*parking bay*. Fuq in-naħa tax-xellug tal-vettura kien hemm xogħolijiet ta' kostruzzjoni li kienu qed isiru iżda ma kien hemm l-ebda tabella jew sinjal biex wieħed ma jipparkjax. Għalkemm fil-kontroeżami tiegħu l-kjamata in kawża implikat li kien hemm xi senjalatika f'dan ir-rigward u għalkemm l-istess kjamata in kawża indikat fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha illi mir-ritratti esebiti mir-rikorrent stess kien jidher illi kien hemm xi sinjali biex ma jipparkjax[34], ir-rikorrent ċaħad dan u l-Qorti tqis illi ma tressqet l-ebda prova illi kien hemm xi impediment għal vetturi milli jipparkjaw fiż-żona in kwistjoni. Għalhekk kuntrarjament għal dak pretiż mill-intimata u mill-kjamata in kawża fil-ħames eċċezzjoni tagħhom, ma tressqet l-ebda prova li turi xi element ta' kontributorjeta mir-rikorrent fis-sens li kellu xi ħtija għad-danni li ġarrab.

32. Jirriżulta ppruvat illi:

    i. Il-vettura tar-rikorrent kienet ipparkjata quddiem il-ħajt proprjetà ta' kumpanija tal-Bilom Group viċin tal-punt fejn kien jibda ukoll il-ħajt proprjetà tal-kjamata in kawża.

    ii. Li parti minn dan il-ħajt flimkien ma' parti mill-ħajt tal-proprjetà tal-kjamata in kawża waqgħu fil-maltemp.

    iii. Li l-*bricks* tal-ħajt proprjetà tal-Bilom spiċċaw fuq il-vettura tar-rikorrent għalkemm ma jistax jiġi eskluż illi ma kienux spiċċaw ukoll fuq il-vettura xi ġebel mill-ħajt tal-kjamata in kawża.

---

[33] A fol 209
[34] Fol 274, xi ħaġa li l-Qorti assolutament ma tistax tikkondividi

33. L-argumenti tal-kjamata in kawża huma illi l-ħajt tagħhom kien mibni kif suppost, li ma kienx imqabbad mal-ħajt tal-kumpanija tal-Bilom Group u li kienu dawn tal-aħħar li dgħajjfu l-ħajt tagħhom stess meta għamlu fetħa fih sabiex ikun jista' jkollhom aċċess mit-triq.

34. Rigward dawn l-argumenti l-Qorti qieset ix-xhieda segwenti ossia:

i. Dik tar-rikorrent **Daniel Caruana** (inkluż ir-ritratti esebiti minnu) fejn sostna li mid-dehra tiegħu l-ħajt tal-kjamata in kawża ma kienx mibni kif suppost, ma kienx dritt u kien imqabbad ma' dak tal-Bilom. Qal ukoll li ma' kienx hemm spazju bejn ċint u ieħor u li ċ-ċint ta' Ta' Dernis ma kellux ilqugħ u għalhekk kien espost mentri ċ-ċint tal-Bilom kellu l-bini warajh u għalhekk kien protett[35].

ii. Dik tal-**Perit David Grima** (inkluż ir-ritratt esebit minnu bħala parti mir-rapport tiegħu), perit ingaġġat minn Bilom Group li qal illi għad li ma jidhirlux li l-ħitan kienu marbutin ma xulxin, jidhirlu li kien il-ħajt li jappartjeni lil kjamat in kawża li kien ġibed il-ħajt tal-Bilom. Qal illi l-ħajt fuq in-naħa tas-sit ta' Ta' Dernis kien espost u għalhekk kienet inħolqot il-problema meta ġie milqut mil-*lateral force of the wind*.

iii. Dik ta' **Thomas Mifsud**, direttur tal-kjamata in kawża, li qal illi l-ħajt tagħha kien wieħed temporanju u kien għalhekk li dan ma kienx mimli bil-konkos, kif ma kienx mimli lanqas dak tal-Bilom. Sostna ukoll li l-ħitan ma kienux ingaljati f'xulxin għalkemm kienu imissu lil xulxin. Qal illi kien il-ħajt tal-Bilom li kien dgħajjef peress illi dawn kienu għamlu fetħa fih qabel l-inċident, xi erba' metri 'l fuq mill-linja diviżorja[36].

iv. Dik ta' **David Borg** (inkluż ir-ritratti esebiti minnu), il-persuna li bena l-ħajt li jappartjeni għall-Bilom Group, li sostna li l-ħajt ta' Ta' Dernis ma kellux is-sapport li kellu l-ħajt mibni minnu, ma kienx dritt u kien evidenti li ma kienx mibni skond is-sengħa partikularment bil-mod kif donnhom kienu tqegħdu fuq xulxin il-*bricks*[37]*.* Għalih kien evidenti ukoll illi l-ħajt ta' Ta' Dernis kien ġibed lil ħajt li kien bena hu.

35. Naturalment li l-Qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li jikkontradixxu jew jikkuntrastaw lil xulxin m'hijiex xi ħaġa ġdida. Anzi hija pjuttost komuni li jiġri hekk anke f'materja teknika bħal dik odjerna. Għalhekk meta jiġri dan solitament il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda minn dawn il-verżjonijiet teskludix lill-oħra fuq is-

[35] Fol 16
[36] Fol 209
[37] Fol 76

soliti kriterji tal-kredibilità, tal-konsistenza u verosomiljanza. Dan l-eżerċizzju l-Qorti għandha tagħmlu fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet u tal-preponderanza tal-provi li joħolqu fil-ġudikant il-konvinzjoni li jaċċetta verżjoni u jeskludi l-oħra.

36. Issa fil-każ in deżamina huwa biss **Thomas Mifsud**, direttur tal-kjamata in kawża, li jgħid li l-ħajt tagħha kien mibni kif suppost u li kienet il-Bilom li dgħajjfet il-ħajt tagħha meta għamlet fetħa fih. Fuq dan il-punt tal-aħħar ma tressqet l-ebda prova li ssostni l-argument tal-kjamata in kawża. Anzi, jekk xejn mir-ritratti esebiti li ttieħdu qabel ma seħħ l-inċident ma jidhirx li kien hemm xi fetħa fil-ħajt imsemmi.

37. Il-Qorti tqis ukoll illi jekk il-kjamata in kawża riedet titfa' xi parti mit-tort fuq il-Bilom Group (jew kumpanija minn dak il-grupp) hija kellha titlob il-kjamat fil-kawza tagħha. Ladarba dan ma sarx tali kumpanija baqgħet *terzo ignoto* u għalhekk ebda parti mir-responsabbiltà ma tista' tintefa' fuqha. F'dan ir-rigward intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Camilleri v. Peter Zammit et.** (PA, Rik Nru 170/06 Imħallef Toni Abela, deċiża 13/10/2017) illi:

> "25. Kif gie kemm il-darba ritenut, *"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza."*' (Anthony Fenech nomine vs Paul Gauci, Prim' Awla tal-Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994).
>
> 26. Il-Qorti Civili Prim' Awla fis-sentenza Richard Fenech vs Rook Construction Limited datata 3 ta' Ottubru 2003 bl-istess mod irrilevat li:- *"Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma ghogobhom ma jsejhux fil-kawza; Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Victor Camilleri proprio et nomine et – vsNazzareno Cutajar et", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1968, "fl-assenza millkawza tat-terz mhux maghruf hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita, b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu, jekk kien hemm, u ghandu jkun applikat l-Artikolu 1093 (illum Artikolu 1050) tal-Kodici Civili."*"

38. Il-Qorti fehmet min-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-kjamata in kawża illi din qed tixħet dubji fuq l-argumenti tar-rikorrent peress illi dan huwa assistit mill-istess avukat li tippatroċinja lil Elmo Insurance Limited li apparti li hija l-assigurattriċi tar-rikorrent hija ukoll il-kumpanija assigurattriċi tal-kumpaniji tal-Bilom Group. Skond il-kjamata in kawża filfatt "*kien fl-interess tal-Elmo Insurance li l-kawża tinfetaħ kontra soċjetà oħra u mhux kontra Bugeja and Desira jew Bilom u kien fl-interess tal-Elmo li lil Daniel Caruana iqabbdulu avukat huma għaliex fin-nuqqas kienu qed jirriskjaw li l-kawża tinfetaħ kontra l-proprjetarju ta-ċint li waqa' fuq il-vettura in kwistjoni u ċioe kontra Bugeja and Desira jew Bilom li kienet assigurata minn Elmo*

*Insurance."*[38]. Il-Qorti però ma tarax kif argument bħal dan jista' jitqies li huwa validu meta kienet il-kumpanija kjamata in kawża nnifisha illi baqgħet lura milli titlob li tiġi kjamata in kawża l-istess Bugeja & Desira jew xi kumpanija oħra minn tal-Bilom Group.

39. Il-Qorti tqis ukoll li hemm żewġ elementi importanti li jxaqilbu l-miżien favur it-teżi tar-rikorrent u ċioe illi kien il-mod kif kien mibni l-ħajt tal-kjamata in kawża li wassal għad-danni in kwistjoni:

i. Qabel xejn, għalkemm il-**<u>Perit David Grima</u>** kien maħtur minn Bilom Group sabiex iżur il-post tal-inċident, dan l-istess perit sussegwentement kien inħatar ukoll minn T.I.T.D Properties Limited bħala perit fuq il-proġett tagħha fl-istess triq. Għalhekk ftit li xejn jista' jingħad illi dan il-perit kellu l-lealtajiet tiegħu jxaqilbu lejn il-kumpaniji tal-Bilom Group, peress illi kien maħtur ukoll professjonalment fuq il-proġett tal-kjamata in kawża. Issa fix-xhieda tiegħu l-Perit qal illi għalkemm ma jidhirlux li l-ħitan kienu marbutin ma xulxin, madanakollu kein jidhirlu li kien il-ħajt li jappartjeni lil kjamat in kawża li kien ġibed il-ħajt tal-Bilom. Qal ukoll illi l-ħajt fuq in-naħa tas-sit ta' Ta' Dernis kien espost u għalhekk kienet inħolqot il-problema meta ġie milqut mir-riħ qawwi.

ii. Inoltre u fost l-aktar xhieda importanti il-Qorti tqis li dak li kkonstata l-**<u>Perit Alfred Grech</u>**, li kien inħatar minn Mapfre Middlesea plc, ossia' l-assigurattriċi tal-kjamata in kawża, jixħet dawl qawwi fuq min jaħti għall-inċident in kwistjoni. Ta' min jgħid li dan ir-rapport ġie neċessitat u ntalab mill-istess kumpanija wara *claim* miftuħa mill-kjamata in kawża fir-rigward tad-danni sofferti mill-vettura li kienet ipparkjata quddiem il-ħajt tagħha (jiġifieri mhux dik tar-rikorrent). Fir-rapport tal-istess perit, li ġie esebit mir-rappreżentant ta' Mapfre Middlesea plc fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023 (**<u>Sharon Vella</u>**) intqal is-segwenti[39]:

"A brick wall seven courses high acts as a temporary boundary wall lo the two opposing sites. The said wall is contracted loosely laid bricks (no mortar) with pillars at the back. **The upper wall is located on high grounds making it very exposed lo open winds since the site is completely open** (emfażi mill-Qorti). The wall is approximately 30m long on either road…

During a heavy wind storm a section of the wall (approx 6m long) on Salvu Buhagiar street, collapsed on to a parked vehicle, parked in a handicapped reserved parking space.

---

[38] Fol 266
[39] Dok SV2 a fol 191-207

The said break in the wall has now been re-constructed, in the same manner…

It is my opinion the main cause of the collapse is the fact that **the wall is not built to the specifications required of a boundary wall**. **The fact that it is a temporary wall does not exempt the insured to build it *in* a sound structural manner** (emfażi mill-Qorti). The wall is approx 30 meters long and in my opinion it poses possible danger to the public and third party property in case of wind conditions. In fact, during the survey it was noted that certain parts of the wall were already in a stale of possible collapse as in certain sections of the wall are dangerously inclined outwards on to the road side. It has also to be note that the upper section of the wall is very much located on a high level, exposing it to undue wind loads. A wall acting as a boundary wall should not be built without any mortar, and with no levelling whatsoever at the foundations. but just laid directly on the pavement (whether level on not).

The fact that the wall has pillars at the back, practically makes no difference in cases of wind loads form the lower side **Il Is my opinion that the present wall Is nothing more than shoddy work** (emfażi mill-Qorti)**.** The architect responsible for lhe site should take note. Furthermore it has to be noted that the said wall Is meant to offer protection lo any possible vehicle impact due to the fact that there is *a* three storey down-drop, which in a direct hit can be fatal

… It is therefore my opinion that the wall should be pulled down and replaced with a proper wall, under the direction and the supervision of the architect in charge who has to certify it, once complete."

Kien f'dan il-kuntest li, kif xehdet **<u>Sharon Vella</u>**, il-*claims* kemm għad-danni fuq il-vettura tat-terz (b'kuntrast ma' dak li qal Thomas Mifsud fl-aħħar paragrafu tal-*affidavit* tiegħu) u kemm għal dawk li sofra r-rikorrent, ġew **<u>miċħuda</u>** u dan għaliex l-assigurat kellu obbligu li jagħmel l-affarijiet kif suppost u l-polza ma kienetx tkopri danni li jkunu *"foreseeable having regard to the nature of the construction work or the manner of its execution".*[40]

40. Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi apparti x-xhieda tad-direttur tagħha, il-kjamat in kawża ma ppruvatx tressaq prova teknika jew peritali li tissostanzja l-argumenti tagħha illi l-ħajt tagħha kien mibni kif suppost jew li l-ħajt tat-terz ma kienx mibni kif suppost. Dan setgħet għamlitu billi taħtar perit tal-fiduċja tagħha, xi ħaġa li naqset milli tagħmel. Lanqas ma ressqet sabiex jixhed il-kuntrattur li ħa ħsieb jibni l-ħajt tagħha.

[40] Fol 189

41. Ċertament ma kienx il-każ li l-inċident seħħ minħabba imprevist jew li kien *casus* jew riżultat ta' forza maġġuri, f'liema każ kien ikun ir-rikorrenti li jkun tenut ibati l-ħsara skond dak li jgħid l-Artikolu 1029 tal-Kodiċi Ċivili.

42. Il-Qorti għalhekk għandha biżżejjed provi quddiemha li jissostanzjaw t-teżi tar-rikorrent u ċioe illi għalkemm il-vettura ma ġietx milquta direttament mill-ħajt li jappartjeni lill-kjamata in kawża, madanakollu l-inċident seħħ minħabba li primarjament iġġarraf il-ħajt tagħha, **għax kien mibni ħażin tenut kont li kien espost għall-elementi,** li rrispettivament minn jekk kienx ingaljat fil-ħajt tat-terz, b'mod jew ieħor (possibilment peress li kien imrikkeb miegħu) ġibed miegħu l-istess ħajt li waqa' fuq il-vettura tar-rikorrent.

43. Għalhekk il-Qorti tqis li l-kjamata in kawża għandha tinżamm responsabbli għall-inċident *de quo* u għandha twieġeb għad-danni kkawżati lir-rikorrent peress li l-inċident kien wieħed prevedibbli u seta' jiġi evitat li kieku użat l-prudenza, diliġenza u l-ħsieb ta' *bonus paterfamilias.*

*Kwantum tad-danni*

44. Skond l-Artikolu 1045(1) tal-Kodiċi Ċivili:

> **'1045. (1) Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib ...'**

45. Kif ingħad fil-ġurisprudenza, is-sid ta' vettura li tkun ġiet meqjusa bħala *beyond economical repair* ikun intitolat jitlob id-differenza bejn il-valur tal-vettura qabel l-inċident u l-valur tagħha wara l-inċident għaliex dawk ikunu d-danni li jkun sofra[41].

46. Mix-xiehda u mis-*survey* ta' **Brady Micallef**, ħareġ li l-vettura in kwistjoni kellha *pre accident value* ta' € 7,800 u peress illi l-ispejjeż kollha neċessarji għat-tiswijiet u tibdiliet tal-*parts* kienu jlaħħqu s-somma ta' € 7,693.84, kien jagħmel iżjed sens ekonomikament li l-vettura ma tissewwiex u għalhekk tkun meqjusa *beyond economic repair.* Is-*salvage value*, ossia l-valur tal-vettura wara l-inċident kien dak ta' € 1,500. Ir-rikorrent għażel li jżomm il-vettura u saħansitra għamel numru ta' tiswijiet fiha li flimkien jeċċedu s-somma ta' € 4,000, għalkemm il-vettura xorta waħda ma ġietx kif kienet. Huwa ma żammx riċevuti ta' dawn l-ispejjeż iżda fi kwalunkwe każ dan m'huwiex ta' rilevanza għall-Qorti tenut kont il-prova tat-tnaqqis fil-valur li l-vettura sofriet b'kawża tal-inċident. Tajjeb jingħad ukoll illi l-

---

[41] Ara **George Debono noe v. Joseph Bugeja** (Appell Ċivili, 30/04/1990) kif ċitata fis-**sentenza Richard Casha v. Frans Sammut** (PA, Ċit Nru 1047/1993/1 PS, 28/04/2003)

kjamata in kawża lanqas ma ressqet xi provi li b'xi mod jxejjnu jew tal-inqas inaqqsu l-valuri stabbiliti minn Elmo Insurance Limited.

47. Għal din ir-raġuni il-Qorti qegħda taqbel mal-ammont likwidat mir-rikorrent fit-talba tiegħu ossia' dak ta' € 6,300 bħala l-ammont tad-danni li sofra.

48. F'dak li jirrigwarda l-imgħaxijiet, il-Qorti rat li r-rikorrent talab li dawn ikunu dawk li ddekorrew mid-data tal-preżentata tal-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 2020. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha l-kjamata in kawża ssostni li *dato ma non concesso* li tinstab responsabbli għad-danni, l-imgħaxijiet għandhom jitqiesu li bdew jiddekorru mid-data ta' meta ġiet notifikata bir-rikors promotur u dan għaliex l-ittra uffiċjali in kwistjoni ma kienetx ġie indirizzata, wisq inqas notifikata lilha.

49. Skond l-Artikolu 1141(2) tal-Kodiċi Ċivili:

> **'1141 (2) F' kull każ ieħor (ossia' fejn l-obbligazzjoni ma tkunx ta' natura kummerċjali), l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju ... '**

50. Kif sew irriteniet il-kjamata in kawża, is-sejħa **lilha** għall-ħlas ta' somma determinata[42] saret l-ewwel darba b'att ġudizzjarju mhux fl-ittra uffiċjali tat-12 ta' Marzu 2020 imma preċiżament meta ġiet notifikata bir-rikors promotur u bid-digriet ta' din il-Qorti li laqgħet il-kjamat in kawża tagħha. Dan jingħad irrispettivament mill-fatt illi l-kjamata in kawża kienet taf bil-possibilita' li tissejjaħ fil-kawża mill-inqas mis-6 ta' Ottubru 2020 ossia' minn dakinhar illi flimkien mal-kumpanija intimata bagħtu ittra uffiċjali lill-kumpaniji Ta' Bilom sabiex jżommuhom responsabbli għad-danni li jistgħu jsofru bl-eżitu tas-sentenza.[43]

51. Mill-atti ma tirriżultax id-data ta' meta ġiet notifikata l-kjamata in kawża iżda jirriżulta biss li ppreżentat ir-risposta fis-6 ta' Diċembru 2021. Il-Qorti rat mir-*records* aċċessibbli fuq is-sistema tal-*ecourts* illi filfatt ir-rikors u d-digriet promotur qatt ma kienu ġew notifikati lill-kjamata in kawża formalment (x'aktarx bi ftehim bejn il-partijiet sabiex jiġu evitati spejjeż inutli!). Għalhekk il-Qorti tqis illi l-imgħaxijiet fuq is-somma għandhom jibdew jgħoddu mis-6 ta' Diċembru 2021.

52. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-istess ittra uffiċjali madanakollu l-Qorti tqis illi fiċ-ċirkustanzi dawn għandha xorta waħda tbatihom il-kumpanija kjamata in kawża.

**Deċiżjoni**

53. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi:**

---

[42] U peress illi s-somma kienet determinata allura ma japplikax il-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora*
[43] Fol 70

i. **Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpanija intimata u filwaqt li tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-bqija tal-eċċezzjonijiet tagħha,**

ii. **Tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija kjamata in kawża b'dana illi:**

   a. **Tiddikjara li l-istess kjamata in kawża hija responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrent fl-inċident tat-12 ta' Novembru 2019 ġewwa Triq Salvu Buhagiar, Marsaskala.**

   b. **Tikkundanna lill-kjamat in kawża tagħmel tajjeb għal dawn id-danni billi tħallas lir-rikorrent s-somma ta' sitt elef u tlett mitt Ewro (€ 6,300) bl-imgħax legali dekoribbli mis-6 ta' Diċembru 2021 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kollha kif mitluba kontra l-istess kjamata in kawża.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur